

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2020 – IB vs EUIPO**(Kawża T-22/20)**

(2020/C 68/72)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet****Rikorrent:** IB (rappreżentant: N. de Montigny, avukat)**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni ta' revoka tal-Awtorità tal-Ħatra tal-14 ta' Marzu 2019;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka l-motivi seguenti.

- Motivi għall-annullament dwar l-għeluq definitiv tal-proċedura ta' invalidità. Ir-rikorrent jinvoka f'dan ir-rigward l-użu ħażin ta' poter, in-nuqqas tad-dipartiment u l-ksur tad-dmirijiet ta' imparzjalitā, ta' oġgettivitā u ta' newtralitā;
- Motivi għall-annullament dwar is-sanzjoni dixxiplinari imposta. Ir-rikorrent isostni f'dan ir-rigward irregolaritā proċedurali, ksur tal-Artikolu 22 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, użu ħażin ta' poter, non-osservanza tal-kunfidenzialitā tar-rapport tal-OLAF għall-punti ta' investigazzjoni magħluqa mingħajr segwit, żamma ta' allegazzjonijiet sadanitt magħluqa mingħajr segwit u ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza. Ir-rikorrent ukoll isostni ksur tal-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, ksur tad-drittijiet tad-difiża, żball manifest ta' evalwazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 10 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal u assenza ta' motivazzjoni.
-